MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 860/2017 GM**

**Kunsill Mediku Malti**

**vs**

1. **Kumitat tal-Appelli għall-Professjonijiet tal-Kura Medika kif rappreżentat minn Dr Ivan Sammut bħala President, Dr Charmaine Gauci, Profs Charles Savona Ventura, Dr Isabelle Borg u Dr Mario Grixti bħala Membri u Dr Anthony Gatt Segretarju tal-istess Kumitat**
2. **Avukat Generali**
3. **Id-Dentist Dr Adam Bartolo għal kull interess illi jista' jkollu**

Seduta tal-14 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2017 li permezz tiegħu ġie premess illi:

1) Illi l-intimat Dr. Adam Bartolo jipprattika l-professjoni tiegħu f'Malta bħala dentist u ismu jinsab debitament inkluż fir-Reġistru appożitu miżmum mill-Kunsill esponent skont l-Artikolu 12 tal-Kap 464 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Illi wara l-applikażżjoni sottomessa mill-intimat Dr. Adam Bartolo f'Diċembru 2011 – illi kienet approvata mill-*Ispeċialist Accreditation Committee* stabbilit skont l-Artikolu 30 tal-fuq imsemmi Kap 464 – isem l-intimat su-riferit kien ġie nkluż ukoll fir-Reġistru tal-Ispeċjalisti relattiv għad-dentisti f'Malta;

3) Illi skond id-deċiżjoni minnu meħuda fit-13 ta' Frar 2014 u komunikata lill-intimat Dr. Adam Bartolo b'ittra tad-9 ta' Mejju 2014, il-Kunsill Mediku kien ordna illi jiġi mħassar isem l-intimat minn fuq ir-Reġistru tal-Iispeċjalisti (kopja tal-ittra annessa u mmarkata bħala **Dok. KM**), liema deċiżjoni ttieħdet ai termini tal-**Artikolu 35 tal-Kap 464** wara illi fl-24 ta' Mejju 2012, il-Bord ta' Inkjesta li kien inħatar speċifikatament sabiex jinvestiga l-każ tal-intimat Dr. Adam Bartolo kien ikkonkluda, illi ma kienx jissussisti dak rikjest bil-liġi sabiex issir ir-reġistrazzjoni tal-istess intimat fir-Reġistru tal-Iispeċjalisti kif hawn premess u konsegwentement id-deċiżjoni preċedentement meħuda mill-*Ispeċialist Accreditation*

*Committee* f'dan ir-rigward kellha titqies bħala waħda nulla u nvalida (kopja annessa u mmarkata bħala **Dok. KM1**);

4) Illi l-intimat Dr. Adam Bartolo ntavola l-appell miod-deċiżjoni su-riferita meħuda mill-Kunsill esponent fit-13 ta' Frar 2014 quddiem l-intimat Kumitat tal-Appelli għall-Professjonijiet tal-Kura Medika fejn sostna illi r-reġistrazzjoni tiegħu fuq ir-Reġistru tal-Iispeċjalisti kienet u tibqa' waħda valida;

5) Illi l-Kunsill esponent – filwaqt illi min-naħa tiegħu ntavola risposta dettaljata għar-rikors su-riferit – preliminarjament eċċepixxa illi l-Kumitat intimat *'m'għandux ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi dan l-appell imressaq in kwantu illi ma jaqax taht il-mansjonijiet, il-funzjonijiet u l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq stabbiliti fl-Artikolu 49(3) tal-Kap 464 tal-Liġijiet ta' Malta';*

6) Illi permezz tad-deċiżjoni minnu mogħtija fis-6 ta' Lulju 2017 (Ref. DH/2071/04PE117) (kopja annessa u mmarkata bħala **Dok. KM2**), il-Kumitat intimat caħad l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Kunsill esponent u ordna l-prosegwiment tal-appell fil-mertu, b'dan illi sostna l-istess Kumitat:

   a. Illi t-tħassir ta' isem l-hemmhekk Appellant Dr. Adam Bartolo mir-Reġistru tal-Iispeċjalisti hija kompriża u nvoluta fil-poteri mogħtija lill-Kumitat su-riferit bl-**Artikolu 49 Sub-Artikoli 3(a) u 3(b) tal-Kap 464**. Fi kliem il-Kumitat fuq imsemmi *'kieku dan ma kienx il-każ l-appellant jispiċċa mingħajr rimedju legali effettiv, bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna tiegħu. Huwa ċar li d-deċiżjoni tal-Kunsill Mediku li tichad reġistrazzjoni ta' professjonist fir-Reġistru adatt jew*

*deċiżjoni li tichad l-għoti ta' certifikat ta' speċjalista testendi għal każ fuq reġistrazzjoni ta' speċjalista tigi mħassra';*

b. Illi l-appell intavolat mill-Appellant Dr. Adam Bartolo jista' jitqies ukoll illi jinkwadra fil-parametri tal-**Artikolu 49 Sub-Artikolu 3(ċ) tal-istess Kap 464** u hekk iddikjara: *'Dan il-Kumitat tal-Appelli jhoss li r-rimedju mogħti fis-subartikolu (ċ) tal-artikolu 49(3) huwa aktar bżonnjuż fejn l-aggravju huwa fuq tħassir taht l-Artikolu 35, għax fis-żewġ każijiet l-oħra individwu jista' jkollu l-konfort tal-Qorti tal-Appell, konfort li l-appellant Dr. Adam Bartolo ma setgħax igawdi minnu fl-istat li tinsab il-liġi llum;*

7) Illi mid-dicitura tal-liġi nnifisha, u senjatament tal-Artikolu 49 tal-Kap 464, jirriżulta b'mod ċar u lampanti illi jista' jsir appell quddiem il-Kumitat intimat <u>biss fit-tlett istanzi</u> speċifici hemmhekk stabbiliti illi – a kuntrarju ta' dak illi jidher illi qiegħed isostni l-Kumitat hawn imsemmi – ma jagħtu l-ebda lok għal interpretazzjoni jew għal applikażzjoni f'ċirkostanzi diverġenti skond kif ikun jidhirlu l-Kumitat *de quo*;

8) Illi kien għalhekk għal kollox skorrett il-Kumitat intimat fil-konklużjonijiet suesposti skond kif kontenuti fid-deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2017 u dan stante illi:

a. Is-subartikoli 3(a) u 3(b) tal-Artikolu 49 japplikaw speċifikament għal każijiet fejn applikazzjoni sabiex ikun inkluż individwu fir-Reġistru miżmum mill-Kunsill esponent tkun ġiet <u>rifjutata</u>. Fil-każ odjern ma jissussisti l-ebda rifjut u l-applikazzjoni mressqa mid-Dentist Bartolo kienet ġiet saħansitra <u>approvata</u> mill-*Ispeċialist Accreditation Committee*. Il-każ dejjem jittratta ċirkostanza partikolari tat-*tħassir* tal-

isem tal-imsemmi dentist, liema ċirkostanza <u>ma tinkwadrax ruhha fl-ambitu tal-provvediment *de quo*</u>; u

b. Is-Sub-Artikolu 3(c) tal-imsemmi Artikolu 49 lanqas ma japplika għaċ-ċirkostanza odjerna u dan kif jirriżulta mid-dicitura tal-istess provvediment illi wkoll jittratta appelli minn deċiżjonijiet dwar applikażżjoni għal reġistrazzjoni;

11) Illi bid-dovut rispett lejh, il-Kumitat ma kellu l-ebda dritt illi jieħu r-riedni f'idejh u jakkorda dritt ta' appell lill-intimat Dr. Adam Bartolo f'każ fejn l-intess dritt evidentement ma jirriżultax mil-liġi, u dan għas-sempliċi raġuni skond kif iddikjara l-istess Kumitat illi *'il-kunsiderazzjonijiet magħmula minnu (id-Dentist Bartolo) f'dan l-appell huma raġjonevoli, rilevanti u razzjonali;*

12) Illi tant huwa minnu li l-Kunsill intimat kien saħansitra ben konxju tal-fatt illi ma kien jezisti l-ebda dritt ta' appell fil-każ tal-intimat Dr. Adam Bartolo skond dak illi tipprovdi l-liġi applikabbli, illi wara li ordna l-prosegwiment tal-appell fil-mertu ordna wkoll illi: *'kopja ta' din is-sentenza u tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Ottubru 2016 jintbagħtu lill-Onorabbli Ministru tas-Sahha sabiex ikun jista' jevalwa għandux isir tibdil leġislattiv biex jiġu rranġati l-anomaliji indikati.* Jingħad illi jekk filfatt jeżistu anomaliji fil-liġi illi jistħoqqilhom rimedjati u/jew indirizzati mil-legislatur, dan l-ezercizzju għandu jsir appuntu mil-legislatur u mhux mill-Kumitat intimat illi jiġi reiterat ma għandu l-ebda dritt japplika l-liġi kif jixtieq u kif ikun jidhirlu hu, partikolarment billi jwessa' l-ġurisdizzjoni tiegħu għal materji li l-liġi ma tagħtix;

13) Illi d-deċiżjoni suċċitata meħuda mill-Kumitat intimat hija għalhekk evidentement skorretta, erronja u għal kollox irregolari, stante illi din tmur ferm oltrè l-poteri akkordati lill-Kumitat hawn imsemmi ai termini tal-provvediment minnu stess ċitat (Artikolu 49 tal-Kap 464) u għalhekk id-deċiżjoni *de quo* mogħtija fis-6 ta' Lulju 2017 ma tista' titqies bħala xejn hlief *ultra vires* u konsegwentement nulla u nvalida fil-liġi;

14) Illi nonostante l-fatt illi c-ċirkostanzi fuq premessi debitament inġiebu a konjizzjoni tal-Kumitat intimat u l-intimat Avukat Generali permezz ta' Ittra Ufficjali (Numru 2814/17) data l-4 ta' Awwissu 2017 fejn intalab illi d-deċiżjoni meħuda mill-istess Kumitat intimat fis-6 ta' Lulju 2017 (**Dok. KM2** hawn anness) tigi revokata għar-raġunijiet premessi, dawn baqgħu inadempjenti;

15) Illi l-Kunsill esponent fic-ċirkostanzi ma kellu l-ebda rimedju hlief illi jintavola l-kawża odjerna quddiem din l-Onorabbli Qorti;

**Għaldaqstant**, għar-raġunijiet premessi, il-Kunsill Mediku Malti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1) Tħassar, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, fl-intier tagħha d-deċiżjoni meħuda mill-intimat Kumitat tal-Appelli għall-Professjonijiet tal-Kura Medika fis-6 ta' Lulju 2017 (Ref. DH/2071/04PT117) fl-ismijiet *Dr. Adam Bartolo vs. Kunsill Mediku;* u sussegwentement,

2) Tagħti dawk id-direzzjonijiet kollha illi jidhrilha xierqa u opportuni fic-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl ta' dak illi tipprovdi l-liġi applikabbli.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati jew min minnhom illi huma minn issa ngunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-**Avukat Ġenerali** fejn espona bir-rispett u bil-ġurament ikkonferma illi:

1. in linea preliminari r-rikorrent għandhu jiddikjara b'mod ċar x'inhi l-bażi tal-azzjoni tiegħu u fuq liema Artikolu tal-liġi huwa qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu u f'dan ir-rigward meta r-rikorrent jottempra ruħhu ma' dan, l-esponent jirriżerva li jirrispondi ulterjorment jekk ikun il-każ.

2. in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mill-premessi jidher li t-talbiet u l-premessi huma mibnija fuq l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta minkejja li dan l-artikolu ma jissemmiex espressament fir-rikors ġuramentat. L-esponent jeċepixxi li l-Artikolu 469A mhux applikabbli u dan stante li d-deċiżjoni mogħtija mill-Kumitat tal-Appelli għall-Professjonijiet tal-Kura Medika m'huwiex egħmil amministrattiv li jikwadra fid-definizzjoni misjuba fl-Artikolu 469A (2) u ċioe 'l-ħruġ ta' kull [...] deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika'. Dan is-sub-artikolu jgħaddi biex jidefinixxi awtorità pubblika bħala 'il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi'. Illi l-funzjoni tal-Kumitat hija funzjoni kważi-ġudizzjarja għalhekk fil-każ odjern qatt ma jista' jingħad li l-Kumitat jista' jiġi kkunsidrat bħala awtorità li d-deċiżjoni tagħha tista' tiġi mistħarġa ai termini tal-Artikolu 469A u wisq inqas jista' jingħad li l-Kumitat kien qiegħed iwettaq egħmil amministrattiv.

3. mingħajr preġudizzju għas-suespost u *dato ma non concesso* dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li l-Kumitat intimat huwa awtorità pubblika u li d-deċiżjoni minnu mogħti hija egħmil amministrattiv, din l-azzjoni tidher li hija waħda bikrija u intempestiva stante li d-deċiżjoni tal-Kumitat hija ekwivalenti għal sentenza in parte u li minnha ċertament li ma hemmx sindikar tad-deċiżjoni per se mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. B'żieda ma' dan, mill-qari tat-talbiet jidher li r-rikorrent qiegħed jikkonsidra l-proċeduri odjerni bħala appell liema każ m'għandux ikun stante li l-Kap 464 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdi għal ebda possibilita ta' dan.

4. mingħajr preġudizzju għal premess, dina l-Onorabbli Qorti xorta ma għandhiex il-ġurisdizzjoni neċessarja sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża odjerna. Illi ġialadarba l-liġi ma tagħtix dan id-dritt ta' appell, ir-rikorrent ma jistgħax jittenta jistultifikka l-proċess quddiem il-Kumitat għax ma qabilx mas-sentenza in parte tal-Kumitat meta l-Kumitat għadu anqas daħal fil-mertu tal-vertenza.

5. subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

6. il-Kumitat interpreta b'mod loġiku l-artikolu li permezz tiegħu huwa għandu funzjonijiet sabiex jisma' l-appelli. Il-fatt li persuna li ma taqbilx mad-deċiżjoni jew provvediment dan ma jfissirx li tali deċiżjoni jew provvediment huwa *ultra vires*. Fi kwalunkwe każ, il-poteri residwi tal-Qrati li jissindikaw operat ta' awtorità ġudizzjarja irid jintwera li tali operat ikun ġie mħaddem b'mod skorett u li kien hemm nuqqas lampanti ta' dak li jipprovdi l-liġi viġenti u dan għal għan aħħari li tiġi kontollata l-legalità ta' awtorità ġudizzjarja.

7. mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa dmir ta' kull awtorita ġuridika li tiddeċiedi fuq il-kompetenza o meno tagħha meta tkun rinfaċċjata b'eċċezzjoni ta' din ix-xorta. Kien għalhekk obbligu tal-Kumitat tal-Appelli għall-Professjonijiet tal-Kura Medika li jgħaddi biex jiddeċiedi fuq l-eċċezzjoni sollevata mill-Kunsill Mediku fil-proċeduri miġjuba quddiemu. B'dan għalhekk qatt ma jista' jitqies li deċiżjoni preliminari kienet waħda *ultra vires*;

Rat ir-risposta guramentata ta' **Dr Ivan Sammut (ID 0482766M), Dr Charmaine Gauci (ID 0022267M), Profs Charles Savona Ventura (ID 0295855M), Dr Isabella Borg (ID 0146059M) u Dr Mario Grixti (ID 042160M) u Dr Anthony Gatt (ID 0617561M) li eċċepew illi:**

1. fl-ewwel lok, jiġi eċċepit preliminarjament illi l-Kumitat, li tiegħu l-esponenti kienu dak iż-żmien rispettivament President, membri u Segretarju, ma għandux personalità ġuridika awtonoma u distinta, li konsegwentement l-istess Kumitat ma jistax iħarrek jew jiġi mħarrek u li konsegwentement (a) l-esponenti ma jistgħux ikunu vestiti bir-rappreżentanza ġudizzjarja tiegħu, (b) la tali Kumitat u lanqas l-esponenti fl-ebda vesti ma huma l-leġittimi kontradittturi tat-talbiet attriċi u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, u (ċ) tali Kumitat mhijiex "awtorità pubblika" għall-finijiet ta' l-art.469A Kap.12;

2. fit-tieni lok, jiġi eċċepit ukoll preliminarjament, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, illi huwa d-dmir ta' kull awtorità amministrattiva jew kważi-ġudizzjarja li tiddikjara ruħha dwar il-kompetenza tagħha meta rinfaċċjata

b'eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza kif imqajjma mill-Kunsill attur stess, liema dmir huwa neċessarju u sagrosant, u li għalhekk qatt ma tista' d-deċiżjoni preliminari impunjata f'dawn il-proċeduri tkun meqjusa *ultra vires*; minn dan isegwi li dina l-Onorabbli Qorti, li għandha l-kompetenza tagħha f'dawn il-proċeduri regolata mill-art.469A, mhijiex kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar il-korrettezza legali ta' tali deċiżjoni impunjata;

3. fit-tielet lok, jiġi ukoll eċċepit preliminarjament, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, illi t-talbiet attriċi huma irritwali u intempestivi, billi anke jekk wieħed kellu jqis illi d-deċiżjoni preliminari impunjata hija inkorretta, li mhux il-każ, dan ma jirrendihiex *ultra vires*, iżda semmai jirrendi *ultra vires* id-deċiżjoni eventwali fil-mertu, u l-eżami dwar il-korrettezza o meno tad-deċiżjoni preliminari mpunjata llum tista' ssir biss f'dak l-istadju, sabiex jiġi determinat jekk tkunx *ultra vires* id-deċiżjoni finali;

4. fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, jiġi ukoll eċċepit illi ma hemm xejn *ultra vires* fid-deċiżjoni impunjata, għall-istess raġunijiet spjegati fit-tieni u fit-tielet eċċezzjonijiet;

5. fil-mertu ukoll, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, jiġi eċċepit illi d-deċiżjoni impunjata hija ġusta u korretta, u li l-Kumitat kompost mill-eċċipjenti għandu effettivament il-kompetenza li jisma' l-appell *de quo*, u dan billi d-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Kunsill rikorrent ma illimitatx ruħha għat-tħassir tad-deċiżjoni ta' l-iSpeċialist Accreditation Committee (SAC) fuq il-bażi ta' l-allegat kunflitt ta' interess ta' wieħed mill-membri tagħha (ħaġa li kienet tkun iġġib magħha biss il-ħtieġa li l-applikażżjoni

terġa' tiġi eżaminata minn SAC diversament kompost), imma marret oltre u ddeċidiet li ma terġax tikkunsidra l-istess applikażżjoni, bil-konsegwenti ċaħda impliċita ta' l-istess applikażżjoni; deċiżjoni li biha skatta d-dritt ta' appell quddiem il-Kumitat kompost mill-esponenti;

Rat ir-Risposta Guramentata ta' **Dr Adam Bartolo li eċċepixxa illi:**

1. l-fatti kif dedotti fir-rikors promotur ma jagħtux stampa ċara tal-fatti kollha tal-każ, u għal dan il-għan u a skans ta' ripetizzjoni, l-esponent jagħmel referenza għall-fatti minnu spjegati fir-rikors promotur tal-kawża bin-numru 988/2014 JRM quddiem l-Onorabbli Qorti kif preseduta; kif ukoll għall-fatti kif elenkati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) fl-ismijiet ***Dr Adam Bartolo vs Kunsill Mediku et, Rikors numru 12/2014 AE***, li kopja tagħha hija **hawn annessa u mmarkata Dok A**.

2. in linea preliminari l-esponent jirrileva li għalkemm mhux enuncjat mill-Kunsill Mediku fir-rikors promotur, l-istess rikors huwa wieħed taħt l-Artikolu 469A tal-Kap 12 u ċjoe` talba għall-istħarriġ ta' egħmil amministrattiv. In vista ta' dan, l-esponent jecepixxi li d-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appelli għall-Professjonjiet tal-Kura Medika ma tistgħax tigi kkunsidrata bħala egħmil amministrattiv u dan għaliex, l-istess Artikolu tal-liġi jipprovdi li:

> “"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew ir-rifjut **għal talba ta' xi persuna** li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir blgħan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:”

Id-deċiżjoni preliminari tal-Kumitat tal-Appelli fuq il-ġurisdizzjoni/kompetenza tiegħu stess ma tistgħax titqies bħala deċiżjoni jew rifjut għal talba **ta' xi persuna** stante li d-deċiżjoni ngħatat fuq eċċezzjoni ta' awtorita' pubblika stess u ċjoe` l-Kunsill Mediku. B'hekk l-istess deċiżjoni ma tinkwadrax ruhha taht it-tifsira ta' egħmil amministrattiv u għalhekk il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija eskluza.

3. bla pregudizzju għas-suespost, illi l-Kunsill Mediku, bħala awtorita' amministrattiva m'għandux *locus standi* sabiex jistitwixxi azzjoni amministrattiva stante li azzjoni ta' dan it-tip huwa preponibbli biss minn cittadini – haga li hija kkonfermata mill-ġurisprudenza nostrana.

4. bla pregudizzju għas-suespost, u in linea preliminari wkoll, l-esponent jirrileva li l-Kunsill Mediku huwa preżentament kompost irregolarment u ċjoe` mhux skont il-liġi, hekk kif ser jiġi muri fil-mori tal-kawża, u għalhekk l-istess Kunsill Mediku ma għandux anqas *locus standi* minn dan l-aspett sabiex jipproċedi b'din il-kawża.

5. in linea preliminari wkoll u bla pregudizzju għas-suespost, l-esponent jecepixxi li l-Kunsill Mediku naqas mili jindika fuq liema sub-inciz tal-Artikolu 469A qiegħed isejjes it-talba tiegħu u għalhekk, l-esponent jirriserva li jagħti eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ, meta dan jiġi spjegat iktar ċar.

6. bla pregudizzju għal dak diġa eċċepit, l-esponent jecepixxi wkoll illi dan ir-rikors m'huwa xejn ħlief tentattiv ta' appell mill-provvediment tal-Kumitat tal-Appelli, fejn fil-fatt il-liġi ma tipprovdix għal tali dritt. Għalhekk dan ir-rikors huwa abbuż tal-proċedura ċivili, speċjalment fid-dawl tal-fatt illi l-Kunsill Mediku ma sofra ebda ħsara jew danni bid-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appelli u fil-fatt ma kien hemm ebda konsegwenza għall-istess Kunsill Mediku u dan stante li l-istess deċiżjoni kienet waħda preliminari fuq il-kompetenza tal-istess Kumitat.

7. bla preġudizzju għal dak kollu suespost, fuq il-*mertu tar-rikors, l-esponent jecepixxi li l-Kumitat tal-Appell ma marx ultra* vires billi ddeċieda li għandu ġurisdizzjoni sabiex jisma' l-appell tal-esponent; anzi l-esponent jissottometti li l-Kumitat tal-Appelli kien qiegħed josserva l-ben magħruf principju ta' kompetenza - u ċjoe` li entita' fdata sabiex tieħu deċiżjoni fuq kwistjoni, għandha tiddeciedi hija stess jekk ikollha jew ma jkolliex ġuridizzjoni/kompetenza sabiex tisma' tali kwistjoni. B'hekk l-Kumitat tal-Appelli kellu dmir illi jagħti din id-deċiżjoni, u di piu, skont l-istess principju ta' kompetenz-kompetenz ebda Qorti oħra ma tista' tiddeciedi għal entita' oħra jekk għandhiex ġurisdizzjoni. Jiġi mfakkar ukoll illi kien il-Kunsill Mediku stess li fis-seduta ta' l-1 t'April 2016, quddiem l-istess Kumitat, talab illi l-ewwel tinstema' l-eċċezzjoni preliminari tal-ġurisdizzjoni u tittieħed deċiżjoni fuqha.

8. ILLI fil-verita' l-Kunsill Mediku qiegħed issa jilmenta għaliex ma qabilx mad-deċiżjoni tal-Kumitat u/jew mal-apprezzament tal-fatti li għamel l-istess Kumitat; haga li zgur ma tattirax il-ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, stante li dawn il-proċeduri huma riservati għal dawk il-każijiet fejn entita' pubblika tkun marret oltre in-norma u hadet in konsiderazzjoni ċirkostanzi irrelevanti, jew tat deċiżjoni li ma kellhiex l-awtorita' tagħti, jew ma osservatx il-principji tal-gustizzja naturali jew marret kontra l-liġi b'xi mod iehor. F'dan il-każ, m'hemm xejn minn dan.

9. ILLI fil-fatt il-Kunsill Mediku qiegħed jilmenta għaliex, skont hu, is-sitwazzjoni tal-esponent ma kinitx taqa' taht l-Artikolu 49(3) tal-Kap 464, għalkemm skont il-Kumitat tal-Appell, kienet fil-fatt tinkwadra ruhha taht l-istess Artikolu. Jiġi sottomess u eċċepit, illi għalkemm il-Bord tal-Inkjesta (r-rapport ta' liema ġie addottat in toto mill-Kunsill Mediku) ġie inkarigat sabiex jinvestiga "***the conduct, management and running*** *of the Dental Accreditation Committee as set up in the Health Ċare Professions Act (CAP464) in the*

*processing and evaluation of an application by Dr Adam Bartolo, Dental Surgeon, to be considered for accreditation in Oral Surgery*" (Ara Dok KM 1 mehmuż mar-rikors promotur); fil-verita` l-istess Bord mar oltre minn hekk, u fil-fatt l-istess rapport ikkunsidra s-sostanza tal-applikażżjoni tal-esponent u ċjoe` "***The Board's Considerations on the Substantive Aspeċts***" (Ara Dok KM1 pg 11 *et seq* mehmuż mar-rikors promotur). Il-Kunsill Mediku imbagħad addotta dan ir-rapport fit-totalita` tiegħu (ara Dok KM mehmuż mar-rikors promotur), b'hekk il-Kunsill Mediku mhux biss hassar id-deċiżjoni tal-SAC, iżda ha d-deċiżjoni hu fuq l-applikażżjoni tal-esponent u f'dan is-sens irrifjuta r-reġistrazzjoni ta' isem l-esponent fir-Reġistru tal-Ispeċjlisti. Huwa għalhekk li l-istess deċiżjoni tinkwadra ruħha perfettament taħt l-Artikolu 49(3)(a) kif deciz mill-Kumitat tal-Apelli,

10. għalhekk ma hemm ebda każ ta' *ultra vires* fid-deċiżjoni tal-istess Kumitat, stante li l-istess Kumitat ma marx oltre il-poteri tiegħu iżda ħa deċiżjoni aabbażi tal-fatti li kellu quddiemu u l-Kunsill Mediku ma jistgħax jilmenta li tali deċiżjoni hija *ultra vires* sempliċiment għaliex ma qabilx mal-apprezzament tal-fatti tal-istess Kumitat.

11. kawża amministrattiva strettament għandha ssir kontra l-entita' amministrattiva li tkun tat lok għall-istess proċeduri, u għalhekk, l-esponent jirrileva li jkun xi jkun ir-riżultat ta' din il-kawża, huwa m'għandux ibati l-ispejjez tagħha;

Semgħet il-provi;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta' sottomisjonijiet tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti ppreżentaw għadd ta' eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, fosthom ir-raba' waħda tal-konvenut Adam Bartolo, ċjoe` li l-attur - il-Kunsill Mediku Malti - huwa preżentament kompost irregolarment u ċjoe` mhux skont il-liġi, u għalhekk ma setax jipproċedi b'din il-kawża. Il-Qorti sejra ssegwi l-ordni loġiko-ġuridiku, u titratta din l-eċċezzjoni l-ewwel, billi hija perentorja tal-ġudizzju, għaliex entita` legali mhux regolarment kostitwita skont il-liġi li toħloqha ma teżistix f'għajnejn il-liġi u għalhekk hija nieqsa mill-kapaċita` li toqgħod f'ġudizzju (*legitimatio ad processum*) u partikolarment li tiftaħ kawża – att ta' mportanza mill-ikbar. Il-leġittimazzjoni proċesswali tal-partijiet hija presuppost tal-validita` tal-kontradittorju u tal-proċess; għalhekk in-nuqqas tal-leġittimazzjoni proċesswali iżomm lill-Qorti milli tiddeċiedi l-kawża fil-mertu. Is-sentenza mogħtija bi ksur tar-regoli tal-kapaċita` proċesswali tkun nulla. Tabilħaqq, jekk il-Kunsill attur m'għandux kapaċita` ġuridika, l-azzjoni kollha tkun nulla, u l-Qorti mhux biss ma jkollhiex għalfejn titratta l-eċċezzjonijiet l-oħrajn imressqa kemm mill-konvenut Bartolo kif ukoll mill-konvenuti l-oħrajn, imma lanqas tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-attur. Dan peress illi, tkun xi tkun il-kwistjoni, il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħha jekk l-attur ma jkollux il-kapaċita` legali li jressaqha quddiemha;

Illi rriżulta bħala fatt, mhux ikkontestat mill-attur, li dakinhar li ġiet ippreżentata l-kawża, Dr. Silvio Grixti u Dr. Pauline Vassallo kienu membri tal-Kunsill Mediku. Dr Silvio Grixti kien maħtur fil-Kunsill Mediku fit-22 ta' Settembru 2015. Ġie elett membru tal-Kamra tad-Deputati fl-elezzjoni tat-3 ta' Ġunju 2013. Irriżenja mill-Kunsill Mediku fil-21 ta' Settembru 2017. Il-Kunsill fetaħ din il-kawża fl-20 ta' Settembru 2017. Dr Pauline Vassallo kienet id-Direttur tal-*Health Promotion and Desease Prevention*. Għalhekk, jissottometti l-konvenut Adam Bartolo, il-Kunsill Mediku ma kienx regolarment kostitwit billi skont Regola 10 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 464 tal-Liġijiet ta' Malta, membri tal-Kamra tad-Deputati u *senior members of the Health Division*

huma skwalifikati milli jiffurmaw parti minn xi Kunsill taħt l-istess Att, inkluż għalhekk il-Kunsill Mediku. L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, laqa' għal dan billi fl-ewwel lok irrileva li l-Kunsill Mediku huwa awtorizzat bl-Ewwel Skeda tal-Kap 464 biex jaġixxi anke f'każ ta' vakanza sakemm ikun hemm kworum – Regola 11 tgħid li "Il-Kunsilli jistgħu jaġixxu minkejja xi vakanza sakemm ikun hemm *quorum* preżenti". Fil-fehma ta' din il-Qorti, iżda, dak li tiffakoltizza li jsir din ir-Regola ma jgħoddx għall-każ preżenti, fejn ma kien hemm l-ebda vakanza iżda hemm allegazzjoni li żewġ postijiet fil-Kunsill kienu okkupati minn persuni li kienu pprojbiti bil-liġi milli joqgħodu fl-istess Kunsill;

Illi rigward Dr. Pauline Vassallo, din il-Qorti taqbel ma' dak li jissottometti l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li r-Regolament 10(b) tal-Ewwel Skeda tal-Kap 464 jiskwalifika lil "dawk il-membri anzjani tat-Taqsima tas-Saħħa kif jista' jiġi preskritt" iżda minn imkien ma jirriżulta li l-pożizzjoni miżmuma minn Dr. Vassallo ġiet stabbilita mil-liġi bħala waħda li ġġorr magħha l-piena tal-iskwalifika. Min-naħa l-oħra, jirriżulta li Dr. Grixti, appena ġie elett bħala membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti, kien skwalifikat. Lanqas ma jreġġi l-argument tal-attur li minn imkien ma jirriżulta meta beda formalment jaqdi l-inkariku tiegħu bħala membru tal-istess Kamra. Persuna ssir membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti appena jiġi uffiċjalment iddikjarat elett, u huwa fatt notorju li dan kien qabel ma ġiet ippreżentata l-kawża. Dan ifisser li l-Kunsill Mediku Malti ma kienx regolarment kompost meta ppreżenta din il-kawża;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut dentist Dr. Adam Bartolo u tiddikjara r-rikors ġuramentat irritu u null billi l-attur ma kellux il-kapaċita` ġuridika li jiftaħ din il-kawża.

Spejjeż a kariku tal-attur.

Onor. Imħallef

Grazio Mercieca